# Il-Programm għall-Edukazzjoni Reliġjuża għat-Tielet Sena tal-Primarja

# KAP 5 – NGĦINU BIL-QALB

| L-Objettiv: | Il-Lingwa Reliġjuża | 3 lezzjonijiet |
|---|---|---|
| 5.1 | Nagħmlu kollox mill-qalb | 5.1 |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. jifhmu x'jiġifieri tgħin u jaraw fejn jistgħu jgħinu;<br>2. jagħrfu xi tfisser li tgħin bis-serjetà jiġifieri mill-qalb;<br>3. jagħrfu li l-ħlas ta' li tgħin hu kuntentizza. | |
| Il-Kontenut | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Li tgħin hi xi ħaġa bżonnjuża.<br>2. Li tgħin huwa rispett lejn l-oħrajn.<br>3. M'hemmx għalfejn tkun xi ħaġa kbira biex tgħin. Kull qatra tgħodd.<br>4. Meta tgħin tħossok sodisfatt u tħoss ferħ kbir ġo qalbek. | |
| L-Attitudni | It-tfal jifhmu li hemm bżonn li biex isiru aħjar iridu jitolbu l-għajnuna mingħand nies li jħobbuhom. Fil-fatt, huma juru li dan huma jagħmluh, anke meta jfisser sagrifiċċju. | |
| 5.2 | Id-dinja li nagħmlu parti minnha | 5.2 |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. jifhmu li għandhom jieħu ħsieb id-dinja ta' madwarhom;<br>2. jitgħallmu li jridu jħobbu bla kundizzjoni u japprezzaw dak li għandhom;<br>3. jiddiskutu kif jistgħu japprezzaw dak li qed jiġri madwarhom; | |

| | | |
|---|---|---|
| | 4. jirrealizzaw li min vera jħobbok jibqa' jħobbok allavolja ma turihx imħabba biżżejjed. Eż. il-ġenituri, Ġesù. | |
| **Il-Kontenut** | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. L-ambjent hu parti mill-ħajja tagħna. Irridu nibżgħu għalih.<br>2. Meta ma nibżax għad-dinja ta' madwari ma nkunx qed inħobb.<br>3. Irrid napprezza dak li għandi ħa nkun kuntent.<br>4. Irrid nara x'qed jiġri madwari ħalli nkun nista' ngħin.<br>5. Bin-nuqqas t'għajnuna tiegħek tista' tweġġa' lil xi ħadd allavolja mingħalik li tkun tħobbu.<br>6. Min iħobbna tassew, xorta jibqa' jħobbna meta ma ngħinuhx u ma nobduhx. | |
| **L-Attitudni** | It-tfal juru li huma jħobbu u jibżgħu għall-ambjent. Juru li jifhmu li meta jagħmlu dan ikunu qegħdin jirrispettaw, iħobbu u jibżgħu għal xulxin. | |
| | | |
| **5.3** | **L-imħabba u s-sagrifizzju** | |
| **L-Għanijiet** | L-istudenti:<br>1. jisimgħu stejjer ta' nies li jirnexxilhom jgħinu lill-oħrajn fid-diffikultajiet tagħhom u allura li jgħixu tassew it-twemmin tagħhom;<br>2. jisiltu l-valuri u t-tagħlimiet minn dawn l-istejjer. | |
| **Il-Kontenut** | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Meta tgħin mill-qalb tħossok kuntent.<br>2. L-għajnuna u l-imħabba jimxu id f'id. Li tħobb tfisser ukoll li tagħmel sagrifiċċju | |
| **L-Attitudni** | It-tfal juru li huma lesti li jbatu biex jgħinu lil sħabhom u lil min ikollu bżonn l-għajnuna tagħhom. | |

| | | |
|---|---|---|
| L-Objettiv | Id-Dimensjoni Spiritwali | 2 lezzjonijiet |
| 5.4 | Nieqfu u naħsbu ftit | 5.3 |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. jiddiskutu kif iħossuhom meta jgħinu;<br>2. jiftakru f'nies li għenuhom fid-diffikultajiet tagħhom;<br>3. jidentifikaw nies li qed jgħinuhom illum (fil-preżent).<br>4. jagħrfu kif ħassewhom u kif iħossuhom meta jkunu mgħejjuna. | |
| Il-Kontenut | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Meta tgħin tħossok sodisfatt.<br>2. Għandna bżonn ħafna nies biex jgħinuna f'ħajjitna..<br>3. Kull għajnuna tgħodd. Għalhekk kulħadd hu bżonnjuż u importanti.<br>4. Irridu napprezzaw lil dawk li jgħinuna fil-verità.<br>5. Irridu nindunaw kemm ġid isirilna permezz tal-oħrajn.<br>6. Għandna lil Ġesù u lil Marija li dejjem jgħinuna. | |
| L-Attitudni | It-tfal jagħrfu japprezzaw dak li ħaddieħor jagħmel għalihom, anke l-iċken azzjoni tajba.<br>It-tfal jifhmu li għandhom bżonn jagħtu sehemhom biex id-dinja tkun dejjem waħda aħjar. | |
| | | |
| L-Objettiv | Il-Kelma t'Alla | |
| 5.5 | Min jagħmilna ferħanin tassew | 5.4 |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. jisimgħu l-istorja tad-Dixxipli ta' Emmaws;<br>2. janalizzaw kif Ġesù għen lil dawn id-dixxipli fit-triq lejn Emmaws; | |

| | | |
|---|---|---|
| | 3. jagħrfu kif dawn id-dixxipli għarfu lil Ġesù mill-qsim tal-ħobż;<br>4. jifhmu li l-Ewkaristija hija l-Ikla li jagħtina l-Mulej. | |
| **Il-Kontenut** | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Emmaws kien post ftit 'il bogħod minn Ġerusalemm.<br>2. Id-dixxipli kienu nkwetati fi triqhom lejn Emmaws.<br>3. Ġesù kien miet u huma ppretendew li kellu jqum u ma kienx qam.<br>4. Ġesù ltaqa' magħhom fit-triq imma huma m'għarfuhx.<br>5. Għarfuh meta daħlu magħkom u bierek il-ħobż u sparixxa. | |
| **L-Attitudni** | It-tfal juru li bil-mod il-mod qegħdin jitgħallmu jistennew u mhux iridu kollox dak il-ħin li jiġihom f'moħħhom. | |
| | | |
| **5.6** | **Grazzi** | |
| **L-Għanijiet** | L-istudenti:<br>1. Jirrevedu x'għamel Ġesù mad-dixxipli ta' Emmaus meta kienu fit-triq.<br>2. Jiddiskutu x'għamel Ġesù fil-ħajja tagħhom ta' kuljum.<br>3. Jifhmu u jirrevedu kif Ġesù qiegħed magħna wkoll fl-Ewkaristija. | |
| **Il-kontenut** | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Ġesù jiltaqa' magħna permezz tal-ġenituri tagħna.<br>2. Ġesù jispjegalna permez tal-għalliema kollha tagħna.<br>3. Ġesù jfakkarna permezz tal-katekisti tagħna.<br>4. Ġesù jkun magħna meta nirċevuh fl-Ewkaristija. | |
| **L-Attitudni** | It-tfal jgħinu lil xulxin għaliex iridu jkun Ġesù għal sħabhom. | |

| | | |
|---|---|---|
| 5.7 | Ġesù jqatta' l-ġurnata magħna | 5.5 |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. Jagħrfu juru l-apprezzament tagħhom lejn in-nies li jgħinuhom u jieħdu ħsiebhom.<br>2. Jagħrfu kemm hi importanti għan-Nisrani li jgħin lill-oħrajn, ikunu min ikunu. | |
| Il-Kontenut | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Jeħtieġ li ma ninsewx ngħidu 'Grazzi' lil kull min jgħinna.<br>2. Kulħadd jieħu gost meta nirringrazzjawh.<br>3. Għandna ngħidu 'Grazzi' kuljum lil Alla tal-affarijiet li jipprovdilna.<br>4. Huwa dmir tagħna li ngħinu lil kull min għandu bżonn. | |
| L-Attitudni | It-tfal japprezzaw dak li ħaddieħor jagħmel għalihom, anke l-iċken azzjoni tajba. | |
| | | |
| 5.8 | Tumas m'emminx li kien Ġesù | 5.6 |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. jisimgħu u jiftakru l-istorja ta' Tumas;<br>2. jaraw kif Ġesù għen lil Tumas jemmen fih u jkollu l-paċi;<br>3. janalizzaw kemm hu importanti li jemmnu lil min jafdaw. | |
| Il-Kontenut | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Tumas kien iħobbu lil Ġesù.<br>2. Dan ma kienx magħhom meta Ġesù deher lill-appostli.<br>3. Hu ma riedx jemmen li kien ġie Ġesù.<br>4. Meta Ġesù reġa' deher, Tumas emmen għax Ġesù wrieh il-pjagi tiegħu.<br>5. Tumas iddispjaċieh li m'emminx qabel. | |

| | | |
|---|---|---|
| L-Attitudni | It-tfal jieħdu pjaċir li għandhom lil min jistgħu jafdaw fil-ħajja tagħhom. Lil dawn il-persuni, it-tfal juru li jafwdawhom bil-ferħa. | |
| | | |
| **L-Objettiv** | **Il-Ħarsa Personali tad-Dinja Kattolika** | |
| **5.9** | **Dan ħażin jew tajjeb?** | **5.7** |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. jagħrfu permezz ta' spjega u stampi x'inhu tajjeb/ħażin;<br>2. jifhmu u jitgħallmu dwar x'iridu jagħmlu meta jagħmlu l-ħażin;<br>3. jirrevedu u janalizzaw x'isir fil-qrar. | |
| Il-Kontenut | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Meta nagħmlu l-ħsara dan hu dejjem ħażin.<br>2. Il-ħażin jista' jkun xi kelma li nkun għedt, li sraqt xi ħaġa, li m'għamiltx dak li kelli nagħmel.<br>3. Ġesù dejjem b'idejh miftuħin biex jerġa' jilqagħna għandu.<br>4. Wara li nqerru nħossuna aħjar, fil-paċi ma' Ġesù.<br>5. Inqerr sew meta insir aħjar u ma nkomplix fil-ħażin li nkun qed nagħmel | |
| L-Attitudni | It-tfal juru rispett lil xulxin. | |
| | | |
| **5.10** | **In-nagħġa l-imqarba** | **5.8** |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. japprezzaw li Ġesù jagħtina l-maħfra u l-paċi bħala l-ħabib u r-Ragħaj tagħna;<br>2. jirrevedu l-istorja tan-nagħġa l-mitlufa; | |

| | | |
|---|---|---|
| | 3. jqabblu n-nagħġa l-mitlufa mal-ħajja tagħhom;<br>4. jifhmu x'iġib miegħu meta nagħmlu li jfettlilna;<br>5. jifhmu li Ġesù jaħfrilna permezz tal-qassis fil-qrar. | |
| **Il-Kontenut** | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Ir-Ragħaj tal-parabbola kellu mitt nagħġa.<br>2. Darba tilef waħda.<br>3. Ħalli lid-99 fil-maqjel u ħareġ ifittixha.<br>4. Dam ifittex, imma fl-aħħar sabha u tgħidx kemm feraħ.<br>5. Meta nagħmlu ta' rasna nkunu bħal dik in-nagħġa.<br>6. Ġesù jaħfrilna dejjem permezz tal-qrar. B'qalbna nadifa minn kull dnub, nilqgħu lil Ġesù ġo fina fl-Ewkaristija. | |
| **L-Attitudni** | It-tfal juru li jifhmu li biex jgħixu fil-paċi jridu jemmnu dak li qalilhom Ġesù. | |
| | | |
| | | |